MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 579/2001/1

**Avviz numru 579/2001DM**

**S.M.S. Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.**

**vs**

**Joseph Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex bhala assikuranti ta’ u surrogata fid-drittijiet ta’ Nadia Brincat, dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti konsegwenza ta’ incident stradali li gara fl-14 ta’ Awissu, 2000 fi Triq San Martin, San Pawl il-Bahar, bejn vettura numru ta’ registrazzjoni LGY 131 misjuqa minnhu

u vettura bin-numru ta’ registrazzjoni NGT 001 misjuqa minn Anthony Brincat u dan previa d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ippresentata f’April, 2001 u bl-imghax mid-data tal-istess sad-data tal-hlas relattiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur mertu ta’ din il-kawza ma jeccediex is-somma ta’ Lm600.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Calleja fejn eccepixxa illi:

1. In linea preliminari, is-socjeta attrici m’ghandhix locus standi f’din il-kawza stante li hija proprio mhijiex is-socjeta assikuratrici ta’ Nadia Brincat u ghalhekk mhijiex surrogata fid-drittijiet tal-istess u bhala konsegwenza t-talbiet attrici minnha dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. Minghajr pregudizzju ghall-premessi, illi Nadia Brincat ghandha tipprova li l-vettura numru NGT 001 hija proprjeta taghha;
3. Minghajr pregudizzju ghall-premessi, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjent, izda b’tort ta’ Anthony Brincat, is-sewwieq tal-vettura numru NGT 001, minhabba negligenza, traskuragini u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni;
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-23 t’Ottubru 2002, fejn il-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda l-kwistjoni dwar ir-responsabbilta u mhux il-quantum tad-danni li gie likwadat fis-somma ta’ hames mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centemzu (Lm528.79c);

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi bil-korrezzjoni akkordata fis-6 ta’ Frar 2002, fejn giet awtorizzata z-zieda tal-kliem “bhala agenti tas-socjeta’ estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.” wara l-isem tal-kumpanija attrici S.M.S. Insurance Agency Limited, gie sanat in-nuqqas li ghalih tirreferi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut; ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-ewwel eccezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta’ is-sewwieq Anthony Brincat jiddikjara illi meta kien ra l-vettura misjuqa mill-konvenut qeghda tavvicinah, huwa immedjatament gibed kemm felah lejn ix-xellug u waqaf. Izda l-vettura l-ohra baqghet gejja, qasmet il-crown of the road u baqghet diehla fuqu.

Minn naha tieghu, il-konvenut isosstni illi kienet il-vettura misjuqa minn Brincat illi kienet qed tinsaq fuq in-naha hazina tat-triq u meta applika l-brakes, il-vettura tieghu habtet mal-vettura misjuqa minn Brincat.

Mill-konfigurazzjoni tat-triq, il-wisgha limitata taghha u l-brake marks li hallew iz-zewg vetturi, jidher illi l-verzjoni kif moghtija miz-zewg sewwieqa hija korretta. Dan peress illi l-brake marks imhollijin mill-vettura misjuqa minn Brincat juru illi meta kien hareg minn go l-liwja li hemm fit-triq, huwa kien qed isuq il-vettura pjuttost lejn in-nofs tat-triq milli ezattament fuq in-naha tax-xellug tieghu. Din il-manuvra kienet il-kawza li gabet emergenza ghall-konvenut, li meta applika l-brakes b’nuqqas ta’ esperjenza l-karozza tieghu baqghet tipprocedi ghad-dritt biex spiccat fuq in-naha hazina tat-triq u habtet ma’ l-vettura ta’ Brincat.

Jinghad illi l-konvenut wera nuqqas ta’ esperjenza peress illi bl-applikazzjoni tal-brakes il-karozza titlef il-kapacita’ ta’ kontroll u ghalhekk kien ikun iktar dettat mic-cirkostanzi illi oltre applikazzjoni hafifa tal-brakes, wiehed jipprova jzomm il-kontroll.

Minn naha l-ohra, jirrizulta wkoll nuqqas ta’ Anthony Brincat li minhabba li ma kienx qieghed izomm fuq in-naha tieghu tat-triq, wassal lill-konvenut fl-istat ta’ emergenza li kif inghad wassal ghal kollizzjoni.

Ghaldaqstant issib illi kienu z-zewg sewwieqa responsabbli ghall-istess kollizzjoni u dana fi grad egwali.

Ghalhekk, il-konvenut huwa tenut li jhallas biss nofs id-danni li sofriet Brincat b’rizultat tal-kollizzjoni.

Billi ma saritx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni, il-Qorti qeghda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ hames mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm528.79c) kif qablu l-partijiet fis-seduta tat-23 t’Ottubru 2002, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi surrogati fid-drittijiet ta’ Nadia Brincat, nofs din is-somma, ossia somma ta’ mitejn erbgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm264.40c);

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-konvenut Joseph Calleja huwa responsabbli fi grad ta’ nofs ghall-kollizzjoni in kwistjoni, tillikwida s-somma totali li sofrew l-atturi bhala rizultat ta’ din il-kollizzjoni fl-ammont ta’ hames mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebgin centezmi (Lm528,79c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas nofs dawn id-danni fis-somma ta’ mitejn erbgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm264.40c), bl-imghax legali mill-14 ta’ Gunju 2001 u bl-ispejjez jithallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------